MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2014

Numru. 113/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs.**

**Paul Portelli**

Numru: 113/2010

Illum 8 ta' Ottubru 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Paul Portelli**, ta' erbgha u hamsin (54) sena, bin John u Bernarda neé Zammit, imwieled Victoria (Ghawdex) fis-16 ta' Dicembru 1955 u joqghod 'Edera', Triq il-Madonna tal-Gilju, Rabat, Ghawdex u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 1856(G), akkuzat talli:

1. bejn Jannar 1997 u Diċembru 2008 f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, fil-kapaċita' tiegħu bħala Direttur tas-soċjeta' Tower Products Limited, approprija ruħu billi dawwar bi profit għalih jew għall-persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li kienet ġiet fdata jew ikkunsinjata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat u ċioé ma ħallasx it-taxxa tal-F.S.S. u l-Kontribuzzjonijiet ta' Sigurta Soċjali wara li dawn kienu gew imnaqqsa mill-pagi tal-impjegati liema somma tammonta ghal €394,058.94 *ai termini* tal-Artikoli 18, 293 u 294 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 111) datata 20 ta' Marzu 2013 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Artikoli 18, 293, 294, 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tal-20 ta' Novembru 2013 (*a fol.* 114), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fl-20 ta' Marzu 2013, u f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri u anqas ressaq ebda provi.

Semghet is-sottomissjonijiet finali da parti tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza (*a fol.* 123 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2012, xehed **Noel Mangion** (Ufficjal tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni – *a fol.* 31 *et seq.*) fejn qal li qed jippruvaw jigbru t-taxxa tal-bolla u l-haddiema tas-socjeta' Tower Products Limited li taghha l-imputat huwa direttur. Jghid li l-perjodu jkopri minn mill-1997 (sena kollha) sal-2008 (sena kollha). Jghid l-ammont dovut jinqasam fi tnejn: taxxa tal-haddiema fl-ammont ta' €64,991 u bolla tal-haddiema fl-ammont ta' €329,067.94. Jghid li dawn il-figuri ma jinkludux penali. Ezebixxa: (a) dokument li juri *breakdown* tal-ammonti dovuti, liema dokument gie mmarkat bhala Dok. "NM 1" (*a fol.* 36), (b) *Letter to Prosecute* li giet immarkata bhala Dok. "NM 2" (*a fol.* 37), (c) tmien dokumenti li juri l-listi tal-impjegati tas-snin kollha koncernati, liema dokumenti gew immarkati minn Dok. "NM 3" sa "NM 14" (*a fol.* 38 *et seq.*). Mistoqsi kif id-Dipartiment wasal ghal figuri msemmija, jghid li dawn gew ibbazati fuq informazzjoni mibghuta mill-kumpanija stess. Jghid li dwar is-snin 1999 sal-2008, l-imputat lahaq ftehim mad-Dipartiment fis-17 ta' Frar 2012 u ghamel pagament ta' €22,516 li kien jidher bhala *down payment* pero jghid li qieghed b'sitt pagamenti b'lura wkoll f'dan il-ftehim. Ezebixxa ftehim immarkat bhala Dok. "NM 15" (*a fol.* 62). Ezebixxa wkoll dokument iehor li gie mmarkat bhala Dok. "NM 16" (*a fol.* 63) li juri l-bilanc dovut mill-imputat li qal li huwa dak ta €394,058.94. Jghid li dan huwa l-ammont dovut minghajr penali.

Illi, fis-seduta tal-5 ta' Dicembru 2012, xehed **Dr. Carmelo Galea** (in rapprezentanza tal-MFSA u tar-Registratur tal-Kumpaniji – *a fol.* 69) fejn ezebixxa *Memorandum and Articles of Association* tal-kumpanija Tower Products Limited (C 4283), li gie immarkat bhala Dok. "CG 1" (*a fol.* 70 *et seq.*). Jghid li din il-kumpanija ilha registrata minn qabel is-sena 1995 u li bhala diretturi ghandha lil Paul Portelli (l-imputat odjern) u zewg diretturi ohra. Jghid li sad-29 ta' Settembru 2010 kien hemm Joe Cordina bhala segretarju u li minn dakinhar l-imputat huwa segretarju.

Illi, fis-seduta tal-5 ta' Dicembru 2012, xehed ukoll l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Maurice Curmi** (*a fol.* 97 *et seq.*) fejn qal li b'ittra datata 22 ta' Marzu 2010 il-Kummissarju tat-Taxxi Interni talab lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jiehu passi kriminali konra Paul Portelli fil-kapacita' tieghu ta' direttur ta' Tower Products Limied minhabba li kien naqas li jhallas it-taxxa tal-FSS u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà socjali ghas-snin 1997 sal-2008 wara li kienu gew imnaqqsa mill-pagi tal-impegati, liema ammont kien jammonta ghal € 394.000. Jghid li ha stqarrija tal-imputat, li giet ezebita flimkien ma' dokumenti ohra. Id-dokumenti gew immarkati bhala Dok. "MC 1" sa "MC 3" (*a fol.* 99 *et seq.*).

In <u>kontro-ezami</u>, li sar fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2014 (*a fol.* 118 *et seq.*), jghid li huwa kien l-unika ufficjal investigatur f'dan il-kaz u li ma kien hemm haddiehor floku. Jghid li l-kwerela giet ricevuta mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Jghid li huwa qatt ma kellem lill-haddiema nvoluti li ghalihom jirreferu l-beneficcju tas-sigurtà socjali ecc. Mistoqsi jghid jekk b'xi mod l-imputat tefghax dawn il-flus fil-but jew uzahomx ghal xi uzu personali tieghu, wiegeb: *"Le fl-istqarrija ma qalx hekk, no. Ma qalx li uzahom ghal skopijiet personali tieghu ha nghid hekk"* (*a fol.* 119). Ikkonferma li l-imputat dejjem qallu li l-kumpanija taghraf li ghandha d-dejn mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni u hi disposta

li thallas jekk jitjiebu l-affarijiet. Mistoqsi jghid jekk irrizultalux li l-haddiema nvoluti kienux jafu illi dawn il-kontribuzzjonijiet thallsux jew le, jghid li huwa ma kellem lil ebda wiehed mill-impjegati.

**Ikkunsidrat**

Illi fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju l-Avukat Generali jidhirlu li ghandha tinstab htija fl-imputat taht, fost l-ohrajn, Artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi jinghad illi Artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jittrattaw ir-reat ta' misapproprjazzjoni u cioé meta persuna zzomm hwejjeg li tkun zammet ghal haddiehor u ma troddhomx lura meta hi tkun taf li trid troddhom. L-Artikolu 294 jaghmilha cara li dan ir-reat japplika wkoll ghal dawk il-persuni li jaghmlu hekk in konnessjoni max-xoghol jew mestjier taghhom.

Illi l-Qorti sejra tghaddi biex tezamina x'inhuma l-elementi tar-reat ta' approprjazzjoni indebita. Il-Qrati taghna kellhom diversi okkazzjonijiet sabiex janalizzaw dan ir-reat fosthom fil-kaz fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Enrico Petroni et** deciza fid-9 ta' Gunju 1998. F'dan il-kaz il-Qorti ghaddiet sabiex elenkat l-elementi essenzjali li jsawwru dana ir-reat:

> "Dana r-reat isehh meta wiehed (1) jircievi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku; (3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor".

Illi ghalhekk l-awtur ta' dana r-reat irid ikollu l-intenzjoni specifika illi l-oggett li jigi fdat lilu u li jkun qed jippossjedi ghal ghan specifiku, jigi imdawwar minnu daqs li kieku huwa l-proprjetarju u jaghmel uzu minnu jew jiddisponi minnu bi profitt ghalih jew ghal haddiehor.

Illi kif jispjega l-awtur Francesco Antolisei:

> *"La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne*

*danneggia il patrimonio*" (Manuale di Diritto Penale, Giuffré (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276)".

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Dr. Siegfried Borg Cole** deciza fit-23 ta' Dicembru 2003, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

"[...F]il-kaz ta' flus li jkunu qed jinzammu minn xi hadd biex dawn eventwalment jigu ritornati lil sidhom, in-non-restituzzjoni taghhom tista' tammonta ghal approprjazzjoni indebita [...]. Kif jispjega Luigi Majno:

*Finalmente, a costituire il delitto di appropriazione indebita é necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprietà, a scopo d'indebito profitto per sè o per un terzo, il dolo sarà costituito dalla volontarietà della conversione con scienza della sua illegittimità, e dal fine di lucro: onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrerà in reato chi nel disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo…Il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita è (come nel furto e nella truffa) l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale, che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita (e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza) il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perché non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo*

> *di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inutilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza é costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dole".*

**Ikkunsidrat**

Illi fil-kaz in ezami gie pruvat li l-imputat huwa direttur tas-socjeta' Tower Products Limited u dana jirrizulta mill-*Memorandum & Articles of Association* tas-socjeta' imsemmija (Dok. "CG 1 – *a fol.* 70 *et seq.*). L-imputat, bhala direttur tas-socjeta' imsemmija, qieghed jigi akkuzat li approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna wara li ma gietx imhallsa t-taxxa tal-bolla u l-haddiema tal-impjegati tas-socjeta' Tower Products Limited li tkopri l-perijodu mill-bidu tas-sena 1997 sal-ahhar tas-sena 2008. Jirrizulta mill-provi li dan l-ammont jinqasam fi tnejn: taxxa tal-haddiema fl-ammont ta' €64,991 u bolla tal-haddiema fl-ammont ta' €329,067.94, li jwassal ghas-somma globali ta' €394,058.94 indikata fl-imputazzjonijiet kontra l-imputat. Il-Qorti tinnota li dan l-ammont ma jinkludiex penali u liema ammont gie bbazat fuq informazzjoni li giet mibghuta mill-kumpanija stess.

Illi d-difiza, fit-trattazzjoni taghha, ghamlet riferenza ghad-decizjoni moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-14 ta' Frar 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Gauci**, kopja ta' liema giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "KM 1" (*a fol.* 125 *et seq.*). Il-Qorti tinnota li minn dak inhar li nghatat din is-sentenza l-ligi giet emendata u gie ntrodott Avviz Legali gdid.

Illi Artikolu 23 tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi s-segwenti:

> "(1) Meta xi persuna tħallas xi *income* taxxabbli taħt l-Artikolu 4(1)(*a*), (*b*) jew (*d*) tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, jew xi *income* hekk kif jista' jiġi preskritt, hi għandha, fil-ħin tal-ħlas, tnaqqas it-taxxa minnu f'dak l-ammont u b'dak il-mod hekk kif jista' jiġi preskritt skont dan is-subartikolu jew skont kull disposizzjoni oħra tal-Atti dwar it-Taxxi.
>
> (2) Kull taxxa mnaqqsa kif meħtieġ skont is-subartikolu (1) għandha tintbagħat lill-Kummissarju b'dak il-mod u f'dak iż-żmien li jista' jiġi hekk preskritt".

Illi Regolament 15 tal-Avviz Legali 88 tas-sena 1998 jistabilixxi s-segwenti:

"(1) Kull pagatur ghandu, sa l-ahhar gurnata tax-xoghol tax-xahar li jigi minnufih wara dak ix-xahar li matulu jkun hallas emolumenti, jaghti lill-Kummissarju l-ammont totali ta' taxxa mnaqqsa jew li kellha titnaqqas minn dawk l-emolumenti skond dawn ir-regoli.

(2) Ir-rimess li hi dovuta li ssir lill-Kummissarju taht il-paragrafu (1) ta' din ir-regola ghandha tintbaghat mill-pagatur flimkien ma' dak it-taghrif li jkun mehtieg li jinghata fuq il-formola msemmija fir-regola 20 ta' dawn ir-regoli li ghandha timtela u tigi ffirmata mill-pagatur.

(3) Jekk ir-rimessa mehtiega li ssir skond il-paragrafu (1) ta' din ir-regola ma tasalx ghand il-Kummissarju sad-data dovuta, jew inkella jekk l-ammont imhallas ikun inqas minn dak li kien dovut li jithallas, il-Kummissarju ghandu jiddeciedi skond l-ahjar fehma tieghu x'kellu jkun l-ammont totali ta' taxxa mnaqqsa li kellu jithallas mill-pagatur u jinnotifikah b'avviz ta' nuqqas ta' tharis skond ir-regola 24 ta' dawn ir-regoli li bih jitolbu jhallas, b'zieda ma' kull taxxa addizzjonjali imposta bl-istess avviz, l-ammont jew id-differenza, skond il-kaz, f'dak iz-zmien li jigi hekk indikat f'dak l-avviz".

Illi jirrizulta li l-obbligu tal-imputat bhala direttur tas-socjeta' Tower Products Limited li jibghat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni l-hlasijiet li jkun gabar mill-haddiema, liema ammonti jammontaw ghal dak indikat fl-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat, huwa wiehed *ex lege*. Ghaldaqstant is-sentenza **Il-Pulizija vs. John Gauci** li giet imsemmija aktar il-fuq ma ssibx applikazzjoni ghal kaz odjern.

**Ikkunsidrat**

Illi, fl-istqarrija (Dok. "MC 1" – *a fol.* 99 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Pulizija, liema stqarrija giet rilaxxata wara li l-imputat nghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat u huwa ma hax dan id-dritt (Dok. "MC 2" – *a fol.* 101), meta l-imputat gie mistoqsi xi jghid dwar il-fatt li d-Dipartiment tat-Taxxi Interni talbu lill-Pulizija jiehdu passi kontra l-kumpanija Tower Products Limited minhabba li naqset li thallas it-taxxa tal-FSS u l-Kontribuzzjoni tas-Sigurta Socjali fl-ammont ta' madwar €394,058.94 ghas-snin 1997 sa 2008 wara li kienu diga tnaqqsu mill-pagi tal-impjegati, wiegeb: *"vera li ghandi inhallas l-ammont li semmejt lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni u behsiebni naghmel dak kollu possibbli biex inhallashom fi ftit zmien"* (*a fol.* 100). Qabel li ghandu kontijiet li ma thallsux lid-Dipartiment tax-Taxxi Interni li jmorru lura ghas-sena 1997. Mitlub jispjega x'kienet ir-raguni li wasslet lill-kumpanija f'sitwazzjoni fejn mis-sena 1997 sas-sena 2008 ma thallsux it-taxxa tal-FSS u l-kontribuzzjoni

msemmija, wiegeb: *"Li gara kien illi l-ispejjez biex noperaw kienu dejjem joghlew, inkluz il-pagi etc….[…] u ghalhekk minflok li naqqasna mill-haddiema jew ghalaqna, provajna inkomplu ghaddejjin hekk. Pero' irrid nghid illi jigri x'jigri dan l-ammont xorta rrid inhallsu"* (*a fol.* 100). Mistoqsi jghid jekk l-ammont ta' €394.058.94 dovut mill-kumpanija Tower Products Limited lid-Dipartiment tax-Taxxi Interni uzahomx biex hallas il-pagi tal-impjegati tal-kumpanija, wiegeb: *"Iva hekk uzajthom u biex hallast spejjez ohra li kellha l-kumpanija. Zgur li ma uzajthomx ghal xi haga personali tieghi ghax lanqas il-paga tieghi ma niehu minn hemm"* (*a fol.* 100). Qal li l-hlas dovut lid-Diaprtiment tat-Taxxi Interni ser isir billi tinbiegh xi proprjeta'.

Illi wiehed ma jridx jinsa dak illi fil-kamp penali dejjem gie ritenut li l-konfessjoni – popolarment maghrufa bhala l-istqarrija tal-imputat jew l-akkuzat – hija l-prova regina li tista' tressaq il-Prosekuzzjoni biex tipprova l-htija tal-persuna akkuzata, dment li din tkun saret volontarjament u ma gietx imgieghla, jew mehuda b'theddid, jew b'biza', jew b'weghdiet jew twebbil ta' vantaggi (Artikolu 658 tal-Kodici Kriminali). Illi, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Robert Attard**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Marzu 2009, il-Qorti qalet hekk:

> "Illi l-aggravju bazat fuq il-fatt li ma nstabet ebda droga ghand l-appellant ma jannjentax id-dikjarazzjoni tal-appellant li ma gietx retratta minnu lanqas fix-xhieda tieghu li hu kien jixtri r-raza tal-cannabis ghalih kif ukoll ghal haddiehor, sija pure fix-xhieda tieghu emfasizza kemm felah li dan kien jaghmlu biex ipejjpuha flimkien. Din id-dikjarazzjoni tieghu, ladarba giet maghmula volontarjament tikkostitwixxi l-prova regina w ma hemmx ghalfejn tkun akkompanjata minn xi prova ohra bhal ma hi s-sejbien fiziku tad-droga fil-pussess tieghu".

Illi ma jirrizultax li d-dikjarazzjoni tal-imputat fil-kaz odjern giet mehuda b'mod mhux volontarju u b'hekk m'hemmx dubju li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-kaz taghha u dana b'mod specjali meta wiehed jikkunsidra dak li nghad fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Francesco Saverio sive Francis X Aquilina**, li giet moghtija fil-15 ta' Frar 2000, fejn il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Meta kumpanija tuza l-flus li tkun gabret bhala VAT sabiex tkompli topera bihom, dik il-kumpanija tkun qed tikkometti r-reat ta' approprazzjoni bla jedd; anzi dan hu kwazi kaz klassiku ta' approprjazzjoni indebita. U f'dak il-kaz ikun hemm, kif diga nghad, ir-responsabilita' vikarja ta' kull direttur, *manager*, segretarju jew ufficjal iehor simili ta' dik il-kumpanija".

**Ikkunsidrat**

Illi l-ammont dovut mill-imputat *qua* direttur gie pruvat mid-dokumenti ezebiti u rrizulta li dak li huwa dovut huma €64,991 (taxxa tal-haddiema) u €329,067.94 (bolla tal-haddiema), fl-ammont globali ta’ €394,058.94.

Illi, minn dak kollu li nghad hawn fuq, jirrizulta li l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tal-imputat gew sodifacentement pruvati.

Illi, fir-rigward ta’ piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: il-fedina penali tal-imputat (Dok. “B” – *a fol.* 25 *et seq.*) u kif ukoll, b’mod partikolari, il-fatt li f’kaz li l-imputat jinghata piena ta’ prigunerija effettiva ma jkunx f’pozizzjoni li jhallas l-ammont dovut lid-Dipartiment koncernat u ghaldaqstant ikun ghaqli li l-imputat jinghata sentenza li permezz taghha jkun jista’ fi zmien qasir ihallas lura dak li huwa dovut u fin-nuqqas jiskonta piena ta’ prigunerija.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu datata 20 ta’ Marzu 2013 b’mod partikolari Artikoli 18, 293, 294 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat Paul Portelli hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta’ sentejn prigunerija li b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed jigu sospizi ghal perijodu ta’ erba’ (4) snin u b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 28H tal-istess Kapitolu 9 qed tordna lill-imputat biex fi zmien sitt (6) xhur millum ihallas lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni s-somma ta’ €394,058.94 (tlitt mija u erbgha u disghin elf u tmienja u hamsin Euro u erbgha u disghin centezmu).

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien erba’ (4) snin millum jew jekk ma jhallasx l-ammont ta’ €394,058.94 fiz-zmien lilu moghti.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------